MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 533/2007

**Paul & Rocco (Gzira) Limited**
**(C-2661)**

**Vs**

**Gillian Attard**
**(I.D. Card Nru. 114383M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici titlob il-hlas tas-somma ta’ elfejn seba’ mija tlieta u ghoxrin Euro u erba’ centezmi (€2,723.04), ekwivalenti ghal Lm1,169, rapprezentanti import ta’ sittax-il kambjala skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenuta. Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tar-rispettivi skadenzi sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra l-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-atti tal-kawza, fosthom is-sittax-il kambjala meritu tal-proceduri esebiti permezz ta' Nota pprezentata fit-30 ta' April, 2009.

Ra n-Nota ta' Riduzzjoni pprezentata mis-socjetà attrici fit-22 ta' Mejju 2009 a fol. 40 tal-process li biha rriduciet it-talba taghha ghal elf tmien mija sitta u ghoxrin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,826.23), ekwivalenti ghal LM784.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici kif ridotta bin-Nota ipprezentata fit-22 ta' Mejju 2009 tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' elf tmien mija sitta u ghoxrin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,826.23), bl-imghax mid-dati tar-rispettivi skadenzi tal-kambjali meritu ta' dawn il-proceduri sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------